Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna lv ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

il-Latvjan

Swipe to change

Talba għall-ħlas tad-danni mingħand min ikun wettaq ir-reat

Latvja

Kif nista' nagħmel talba għall-ħlas tad-danni jew mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon minn trasgressur fi proċess (proċedimenti kriminali), u lil min għandi nindirizza din it-talba?

Int intitolat(a) tirċievi informazzjoni fuq id-dispożizzjonijiet dwar it-talba u r-riċevuta ta' kumpens, inkluż il-kumpens mill-Istat, mingħand il-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti), u tippreżenta rikors għal kumpens tad-danni fil-proċedimenti kriminali.

Int tista' tapplika għall-kumpens tad-danni fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti kriminali sat-tnedija tal-eżaminazzjoni tal-każ fil-qorti tal-prim'istanza. Tista' tippreżenta r-rikors tiegħek bil-miktub jew b'mod verbali. Rikors verbali jiġi reġistrat fil-minuti mill-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekuzzjoni, il-qorti).

F'liema punt fil-proċedimenti kriminali għandi nippreżenta talba?

Int tista' tapplika għall-kumpens tad-danni fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti kriminali sat-tnedija tal-eżaminazzjoni tal-każ fil-qorti tal-prim'istanza. Jekk il-persuna li għandha tinżamm responsabbli għar-reat ma tkunx ġiet identifikata, dan ma jillimitax id-dritt tiegħek li tippreżenta talba għall-kumpens.

Il-vittma hi intitolata tirtira t-talba ppreżentata għall-kumpens fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti kriminali sakemm il-qorti tirtira għad-deliberazzjoni dwar is-sentenza.

X'nista' nitlob fit-talba u kif għandi nippreżentaha (nindika ammont totali u/jew nispeċifika t-telf individwali, il-profitti u l-imgħaxijiet mitlufa)?

Int intitolat(a) tirċievi informazzjoni fuq id-dispożizzjonijiet dwar it-talba għall-kumpens mingħand il-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti).

Tista' tippreżenta r-rikors tiegħek bil-miktub jew b'mod verbali. Rikors verbali jiġi reġistrat fil-minuti mill-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekuzzjoni, il-qorti).

Fir-rikors tiegħek, int trid tipprovdi evidenza b'appoġġ tal-ammont tal-kumpens għal kwalunkwe telf materjali asserit, iżda, għal dannu morali u għal tbatija fiżika, int trid tindika biss l-ammont tal-kumpens mitlub. Fit-talba tiegħek, int tista' tispeċifika n-numru tal-kont tal-istituzzjoni ta' pagament li fih għandu jiġi trasferit il-kumpens għad-danni.

Hemm formola speċifika għal talbiet bħal dawn?

Tista' tippreżenta r-rikors tiegħek bil-miktub jew b'mod verbali. Rikors verbali jiġi reġistrat fil-minuti mill-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekuzzjoni, il-qorti).

X'evidenza rrid nippreżenta biex insostni t-talba tiegħi?

Fir-rikors tiegħek, int trid tipprovdi evidenza b'appoġġ tal-ammont tal-kumpens għal kwalunkwe telf materjali asserit, iżda, għal dannu morali u għal tbatija fiżika, int trid tindika biss l-ammont tal-kumpens mitlub.

Il-qorti tiddetermina l-ammont tal-kumpens billi tivvaluta t-talba tiegħek u tqis l-ammont tat-telf materjali, is-serjetà u n-natura tar-reat, it-tbatija fiżika kkawżata, il-mutilazzjoni u d-diżabilità permanenti, il-livell u n-natura pubblika tad-dannu morali, u d-dannu psikoloġiku.

Id-danni diretti jiġu vvalutati fil-livelli tal-prezzijiet preżunti fil-prosekuzzjoni.

Hemm xi tariffi tal-qorti jew spejjeż oħra marbuta mat-talba tiegħi?

Int mhux se tintalab ħlas għall-preżentazzjoni ta' talba fil-proċedimenti kriminali.

Jekk temmen li d-dannu ma ġiex ikkumpensat bis-sħiħ, int intitolat(a) titlob kumpens kif stipulat fil-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili (*Civilprocesa likums*). Fid-determinazzjoni tal-ammont tal-kumpens, il-kumpens riċevut bħala riżultat tal-proċedimenti kriminali jrid jiġi kkunsidrat.

Malli tapplika għall-kumpens fi proċedura ċivili, il-vittma tkun eżentata mill-ħlas tat-tariffa tal-Istat.

Nista' nikseb għajnuna legali qabel u/jew waqt il-proċedimenti? Nista' nirċiviha anke jekk ma nkunx qed ngħix fil-pajjiż fejn iseħħu l-proċedimenti?

Jekk il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi ta' minorenni tkun imxekkla jew mhux żgurata b'xi mod ieħor, jew ir-rappreżentant jippreżenta talba motivata, il-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti) tiddeċiedi dwar il-ħatra ta' avukat biex jirrappreżenta lill-vittma minorenni. F'każijiet eċċezzjonali, fejn il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi tal-persuna fil-proċedimenti kriminali ma tkunx tista' tiġi żgurata b'xi mod ieħor, il-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti) tiddeċiedi dwar il-ħatra ta' avukat biex jirrappreżenta lil adult fqir jew żvantaġġat. Il-persuna li tmexxi l-proċedimenti (il-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur, il-qorti) taħtar avukat anki f'każijiet li fihom l-ebda wieħed mill-qraba ma jkun jista' jirrappreżenta lill-vittma. F' dawn il-każijiet, l-Amministrazzjoni għall-Għajnuna Legali (*Juridiskās palīdzības administrācija*) tkopri l-ispejjeż tal-avukat biex jipprovdi assistenza legali mill-Istat fil-proċedimenti kriminali.

Meta tista' l-qorti kriminali tiċħad jew tirrifjuta li tiddeċiedi dwar it-talba tiegħi kontra t-trasgressur?

Jekk il-qorti taqta' sentenza ta' ħelsien, it-talba għad-danni li jirriżultaw mir-reat ma tiġix eżaminata. Jekk il-qorti ma teżaminax it-talba tiegħek, int tista' tippreżenta talba rigward kumpens kif stipulat mil-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili .

Nista' nappella kontra din id-deċiżjoni jew infittex mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon?

Jekk il-qorti ma teżaminax it-talba tiegħek, int tista' tippreżenta talba rigward kumpens kif stipulat mil-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili .

Jekk ningħata kumpens għad-danni mill-qorti, kif nista' nkun żgur li s-sentenza tiġi eżegwita kontra t-trasgressur u x'għajnuna nista' nikseb biex niżgura dan?

Sentenzi dwar l-irkupru tal-kumpens għad-danni lill-vittma jiġu eżegwiti minn marixxalli tal-qorti reġistrati l-qorti li jniedu l-eżekuzzjoni fuq il-bażi ta' rikors bil-miktub mingħand il-kollettur fuq il-bażi ta' ordni ta' eżekuzzjoni.

Biex teżegwixxi deċiżjoni tal-qorti li f'parti minnha tikkonċerna l-irkupru ta' kumpens għad-danni lill-vittma, il-qorti toħroġ ordni ta' eżekuzzjoni lill-vittma fuq talba tagħha.

Il-kolletturi tat-talbiet dovuti għal dannu personali li jirriżulta f'diżabilità jew f'dannu ieħor għas-saħħa jew fil-mewt ta' persuna jiġu eżentati mit-tariffi ta' eżekuzzjoni pagabbli lill-marixxalli tal-qorti reġistrati l-qorti.

Il-marixxall tal-qorti reġistrat il-qorti fuq inizjattiva tiegħu jwettaq l-azzjonijiet neċessarji u juża l-mezzi u l-metodi previsti biex jiġu eżegwiti d-deċiżjonijiet tal-qorti b'mod veloċi u effiċjenti. Il-marixxall tal-qorti reġistrat il-qorti jispjega d-drittijiet u l-obbligi għall-eżerċizzju *bona fide* tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet.

L-aħħar aġġornament: 18/12/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.